MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 2284/2000/2

**W. P. Limited**

**v.**

**AX Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Din hija sentenza dwar talba ghal ritrattazzjoni maghmula mis-socjeta` W.P. Limited (C9852) minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, kif dakinhar differentement komposta, fil-kawza fl-ismijiet premessi liema appell gie deciz minn dik il-Qorti fit-3 ta’ Ottubru 2008.

1.2. Is-socjeta` ritrattanta qeghda titlob li din il-Qorti.
“1. Thassar dik il-parti tas-sentenza taghha tat-3 ta’ Ottubru 2008 fl-ismijiet **W. P. Limited v. AX Construction Limited** (Cit. Nru. 2284/2000) in kwantu li din indirizzat it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` intimata kif intqal.

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess vertenza minhabba r-ragunijiet hawn moghtija ai termini tal-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligjijiet ta’ Malta kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.”

**<u>IS-SENTENZA TAL-QORTI TAL-APPELL</u>**

2. Ghal intendiment ahjar ta’ din il-procedura ghal fini ta’ ritrattazzjoni, ikun utli li s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell kif fuq inghad tigi riportata *in toto* u li fiha gie ritenut u deciz kif gej:
"**Il-Qorti:**

"**Preliminari:**

"B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru 2000 gie premess: illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm2,321.96), liema ammont jikkonsisti f’somma bilancjali li tigbor fiha kapital u imghax maghdud bis-6% skond ftehim milhuq bejn il-kontendenti ghal xoghlijiet esegwiti mis-socjeta` attrici, fil-waqt li l-imghax huwa maghdud b’rata ta’ imghax kummercjali wara li skada it-terminu tal-hlas kollox skond l-annessi dokumenti “A”, “B” u “C” u; illi peress li interpellata sabiex thallas din is-somma s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex:-

"1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghin centezmu

(Lm2,321.96), kollox kif fuq intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri bl-ghola rata skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

"B'nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta AX Construction Limited tas-7 ta' Frar 2001 a fol 12 tal-process gie eccepit:-

"“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u kien difettuz.

"“2. Illi minhabba x-xoghol hazin u difettuz li sar mis-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta sofriet danni minhabba xita li dahlet u kkagunat hafna hsara.

"“3. Illi l-konvenuti ghandhom kontro-talba rikonvenzjonali xi jressqu a tenur ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

""Illi s-socjeta` AX Construction Limited fis-7 ta' Frar 2001 resqet talba rikonvenzjonali fejn ppremettiet:-

"“Illi s-socjeta` konvenuta rikonvenjenti inkarigat lis-socjeta` attrici rikonvenuta sabiex tesegwixxi xi xoghlijiet ta' *waterproofing* f'Capua Hospital, Gorg Borg Olivier Street, Sliema;

"“Illi b'konsegwenza ta' xoghol hazin u difettuz u li ma sarx skond l-arti u s-sengha s-socjeta` konvenuta rikonvenjenti sofriet danni minhabba ilma tax-xita li dahlet u kkagunat hafna hsara;

"“Illi s-socjeta` attrici rikonvenuta giet mitluba taghmel xoghlijiet rimedjali u ta' riparazzjoni izda dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk ix-xoghlijiet saru minn ohrajn.”

"Illi ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta talbet li s-socjeta` attrici rikonvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddeciedi u tiddikjara li sar xoghol hazin u difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti.

"2. Tiddeciedi u tiddikjara li in konsegwenza ta' dan is-socjeta` konvenuta rikonvenjenti sofriet danni kif premess.

"3. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati;

"4. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` attrici rikonvenuta thallas id-danni hekk likwidati.

"B'riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi u bl-ispejjez u bl-imghax u s-socjeta` attrici ngunta ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta datata 28 ta' Marzu 2001 a fol. 21 tal-process fejn l-istess socjeta` eccepiet:-

"“1. Illi x-xoghol esegwit minnha kien maghmul skond is-sengha u l-arti.

"“2. Konsegwentement ma kkawzat l-ebda danni lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti.

"“3. Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikonvenzjonanti fil-kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

"“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

“**Is-sentenza appellata.**

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2006 bil-mod segwenti:
“**KONKLUZJONI.**

"“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta biss in kwantu l-istess huma inkompatbbli ma'

dak hawn deciz, tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

"“1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm2,321.96), kollox kif fuq intqal u kif hawn deciz.

"“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta.

"“Illi ghall-istess motivi dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-istess kontro-talba biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` konventa fil-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

"“1. Tiddeciedi u tiddikjara li sar xoghol hazin u difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti u dan fir-rigward tax-xoghol ta’ *waterproofing* mertu tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta liema xoghlijiet huma indikati anke fir-rapport tal-perit tekniku nominat mill-Qorti

"“2. Tiddeciedi u tiddikjara li in konsegwenza ta’ dan is-socjeta` konvenuta rikonvenjenti sofriet danni kif fuq deciz.

"“3. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kollox kif fuq deciz anke skond ir-rapport peritali fl-ammont ta’ sitt elef, tmien mija u disa’ u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm6,859.17).

"“4. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` attrici rikonvenuta thallas id-danni hekk likwidati fl-ammont ta’ sitt elef, tmien mija u disa’ u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm6,859.17) lis-socjeta` konvenuta kollox kif hawn deciz.

"“Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra s-socjeta` attrici u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa’ l-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` attrici.”

“U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"“Illi fl-ewwel lok din hija kawza fejn is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lilha l-ammont ta’ elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm2,321.96) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghlijiet bl-imghax ta’ sitta fil-mija sad-data meta kellu allegatament jithallas l-istess ammont u bl-imghax kummercjali ghall-bqija tal-perjodu kollox skond ftehim allegat bejn il-partijiet odjerni; dan jidher ibbazat fuq process ta’ rikonciljazzjoni tax-xoghlijiet li saru skond rendikont iffirmat miz-zewg partijiet datat 27 ta’ Marzu 1998 – Dok. “A” a fol. 4 tal-process; l-ammont bilancjali hemm kien ta’ Lm7,430.27 u jidher li kien ikkonfermat b’ittra minn Jesmond Pace ghan-nom tas-socjeta` konvenuta – Dok. “B” – datata 4 ta’ April 1998 – fejn jinghad ukoll fl-istess ittra li:-

“*“please be informed taht our Chairman Mr. Angelo Xuereb has now approved the above balance (Lm7,430.27) due to your company, which as you are aware this has been reconciled with your records on the 27th March 1998. It was also approved taht this balance will be paid by a minimum of Lm500 a month, with interest accruing at 6% per annum on the reducing balance method on your account, commencing on the 1st April 1998”.*

"“Illi konsegwenti ghal dan il-ftehim u allura n-nuqqas ta’ pagament kif hemm indikat bil-mod kif miftiehem, ovvjament wara li tnaqqsu l-pagamenti li saru, hareg l-ammont allegatament dovut mis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet kif hemm komputati skond rendikont immarkat bhala Dok. “C” a fol. 6 tal-process.

"“Illi is-socjeta` konvenuta per se ma ikkontestatx tali ftehim u metodu ta’ pagament pero` sostniet li ix-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u fil-fatt minhabba dan ix-xoghol hazin gew ikkawzati danni u fil-fatt saret kontro-talba sabiex jigi ddikjarat li tali xoghol sar hazin u ghal dikjarazzjoni,

likwidazzjoni u konsewgenti hlas ta' danni mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

"“Illi peress li jidher li s-socjeta` attrici kienet ghamlet diversi xoghlijiet fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta fuq diversi lantijiet ta' xoghol, is-socjeta` konvenuta b'nota datata 3 ta' Awissu 2001 indikat ghall-liema xoghol kienet qed tirreferi li sar hazin u dan sar b'riferenza ghal xoghol ta' *waterproofing* fl-Isptar Capua Palace, Sliema, liema xoghol kellu jigi rrangat mis-socjeta` konvenuta minhabba inadempjenza allegata tas-socjeta` attrici u dan billi tnehha l-irham, u kien ikkonfermat li l-istess *membrane* ma kienx imwahhal mal-gutter bil-konsegwenza li saret hsara minhabba perkolazzjoni ta' ilma fis-sular ta' taht l-art tal-Palazz Antik, id-*Dental Clinic*, is-sular tal-*basement*, partikolarment l-*engineer's office*, l-*oxygen plant room*, l-*atrium, purchasing manager's office, medical stores,* u l-kuruturi, u d-danni li kienu qed jintalbu huwa sabiex tissewwa din il-hsara u jigi rrangat il-*waterproofing*, kollox kif jidher fl-istess nota a fol. 31 tal-process.

"“Illi ma hemm l-ebda dubju li x-xoghol in kwistjoni sar mis-socjeta` attrici taht is-supervizzjoni tal-perit tas-socjeta` konvenuta u/jew tal-*foreman* tieghu tant li William Mintoff bhala direttur tas-socjeta` attrici ammetta dan fix-xhieda tieghu quddiem il-perit tekniku. Paul Mintoff ghas-socjeta` attrici sostna li kien mar jara l-istess xoghol li gie esegwit min-nies tieghu u qal li sab li l-*membrane* kien inqata' b'xi *flexible conduits*, izda qatt ma kienu saru ilmenti fuq ix-xoghol.

"“Illi min-naha tieghu Angelo Xuereb ghas-socjeta` konvenuta sostna li kien dahal ilma tax-xita minn naha tal-gutter ta' mal-hajt estern fl-entratura principali u dan rega' dahal xi xhur wara; ghall-ewwel is-socjeta` attrici ma rrangatx il-hsara izda wara ppruvaw jirrangawha izda l-ilma xorta baqa' diehel fix-xtiewi tas-snin 1998 sat-2000, tant li fl-ahhar sentejn imsemmija tant dahal ilma li sfrundaw is-soffitti u dahal l-ilma l-istores, u saret b'xi Lm15,000 hsara u sar protest gudizzjarju kontra s-socjeta` attrici; xorta pero' waslu fi ftehim sabiex jithallas l-ammont bilancjali pero' s-socjeta` attrici kellha taghmel xoghol

rimedjali, li peress li ma' kienx sodisfacenti peress li xorta baqa' diehel l-ilma, sar mis-socjeta` konvenuta stess, wara li avzat b'dan lis-socjeta` attrici; wara li sar dan ix-xoghol, anke skond dokumenti u rapporti fuq indikati, ma saritx iktar hsara. Sostna li kien hemm mal-haddiema dak li huwa sejjah bhala "*management team inkarigat mix-xoghlijiet li kien hemm prezenti l-hin kollu*". Ix-xoghol kien sar fis-sena 1997 u l-ilma l-ewwel li dahal kien fl-istess sena wara xita qawwija; jghid li l-kawza ta' hsara kienet li l-*membrane* ma kienx imlibbes mal-*gutter* – u dan indunaw bih wara li inqala' l-istess xoghol; Joseph R. Aquilina kkonferma li kien dahal l-ilma, l-hsara li saret u skond huwa ra li l-*membrane* kienet qasira u mhux imlibbsa sa taht il-*gutter*; wara li saru x-xoghlijiet rimedjali mis-socjeta` konvenuta ma saritx hsara izjed. L-istess qal John Mary Sant bhala *technical manager* ta' l-Isptar St. James u zied li x-xoghol rimedjali kien sar fis-sena 2000. Timothy Leone Ganado – *project electrical and mechanical engineer* qal li per se fix-xoghol ma kienx huwa involut pero' f'Novembru/Dicembru 1999 hejja rapport tal-hsarat destinat ghas-socjeta` assikuratrici ta' l-Isptar u Tonio Farrugia kkonferma li l-unika hlas li sar mis-socjeta` assikuratrici kien ta' Lm3,854 u dan relattiv ghall-hsara li saret bil-maltemp tas-sena 1999 biss.

"“Illi l-perit tekniku ikkonstata dan kollu kif jirrizulta mir-rapport tieghu datat 24 ta' Novembru 2005 u sab li l-hlas kien qed isir mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kif miftiehem sa Settembru 2000 u sa dak in-nhar kien baqa' bilanc ta' Lm2,321.96 – s-sorte fic-citazzjoni attrici. Dan l-ammont ghandu jigi mhallas anke ghaliex jidher li skond l-istess perit tekniku dan ma huwiex ikkontestat u jinghad ukoll li hemm ftehim dwar l-istess kif rifless mid-dokumenti fuq riferiti u wkoll annessi mac-citazzjoni attrici u hawn fuq imsemmija u ndikati.

"“Illi dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta l-istess perit tekniku kkonkluda wkoll li x-xoghol ta' *waterproofing* sar mis-socjeta` attrici izda taht is-supervizzjoni tal-perit u tal-*foreman* tas-socjeta` kovenuta u l-Qorti tikkonferma li dan hareg car mix-xhieda ta' Angelo Xuereb stess li kkonferma li kien hemm *management team* prezenti l-hin

kollu waqt il-kostruzzjoni ta' l-isptar u li l-kontratturi kollha jahdmu kontra certi *specifications*.

"“Illi l-perit tekniku kkonstata dan ukoll mil-lat tekniku u cioe`:-

“*“4. Illi mir-ritratti ezebiti mis-socjeta` attrici, Dok. “MS 1” sa MS 6” juru bic-car li veru kien hemm flixible conduits hergin mill-hajt u minn taht il-madum jew cangatura, pero' wkoll li l-membrane waqfet mal-gutter”.*

“*“5. Illi jekk sar xi xoghol rimedjali mis-socjeta` attrici dan ma kienx effettiv”.*

“*“6. Illi l-ewwel xoghol li ghamlet is-socjeta` konvenuta anqas ma hadem pero` x-xoghlijiet li saru wara li jinkludu l-qlugh totali ta' l-art u tpoggija ta' membrane u gutter gdid jidhru li kienu effettivi”.*

"“Illi minn ezami tal-paragrafi 7 u 8 jirrizulta li l-hsara kollha kkawzata skond id-Dok. “AX 13” u Dok. “TLG 1” kienet ta' Lm18,447.80, izda dawn kienu jinkludu hsarat u xoghlijiet rimedjali f'partijiet ohra ta' l-isptar li ma huwiex mertu tal-kawza odjerna, li tikkoncerna biss il-hsarat ikkagunati minn ilma li dahal mill-entratura principali ta' l-isptar il-gdid ghal go l-*lower ground floor* – li tinkludi *dental clinic, medicine store, lecture room, purchasing manager's office, kcina, basement engineering office, workshop u plant room* u skond l-istess perit tekniku “*is-somma totali ghat-tiswijiet inkluzi ix-xoghlijiet quddiem l-entrata principali, fl-istima tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta' dawn l-areas kienet ta' Lm11,885.55”*. Mill-kalkolazzjoni li saru mill-perit jirrizulta li s-socjeta` konvenuta irceviet minghand is-socjeta` assikuratrici pagament ta' Lm1,597 sabiex ikopru biss parti mill-ispejjez ta' l-istess hsarat u ghalhekk il-hsarat f'dan il-kaz sofferti mis-socjeta` konvenuta kienu ta' Lm10,288.75 ( Lm11,885.55 – Lm1,597 = Lm10,288.75), li skond l-istess perit tekniku ghandhom jigu sofferti kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mis-socjeta` attrici li ghamlet l-istess xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti minhabba difetti fl-installazzjoni tal-*water proofing membrane* u dan jammonta ghall-sitt

elef tmien mija u disa’ u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm6,859.17) u kwantu ghall-terz (1/3) li jammonta ghall-tlett elef, erba’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,429.58) ghandhom jigu sofferti mis-socjeta` konvenuta minhabba dak li l-perit tekniku sejjah bhala nuqqas ta’ supervizjoni minn naha ta’ l-istess socjeta` konvenuta. F’dan is-sens jigi ndikat li s-socjeta` konvenuta tramite d-difensur taghha rremettiet ruhha ghar-rapport fil-waqt li s-socjeta` attrici ma jidhirx li kkontestat l-istess rapport.

"“Illi kif inghad fis-sentenza “**Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg**” (P.A. (RCP) – 28 ta’ Frar 2002) ghalhekk huwa sintomatiku li fid-dawl ta’ dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**, jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti “*ma tistax taghmlu b’mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ aspett tekniku tal-materja taht ezami*” (“**Philip Grima vs Carmelo Mamo** – A.C. 29 ta’ Mejju 1998; “**Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca**” – A.C. 6 ta’ Ottubru 1999; “**John Saliba vs Joseph Farrugia**” A.C. 28 ta’ Jannar 2000; “**Sammy Tabone vs Carmel Tabone et**” – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).

"“Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet “**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et**” (A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *“b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta’ lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli”.*

"“Illi fid-dawl tal-premess it-talbiet tas-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu milqugha biss fl-ammont ta’ sitt elef tmien mija u disa’ u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm6,859.17).”

"**L-appell tas-socjeta` attrici.**

"Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fid-19 ta’ Gunju, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici, tirriformaha billi tirrevoka dik il-parti li titratta it-talbiet rikonvenzjonali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

"Is-socjeta` konvenuta pprezentat risposta ghall-appell tas-socjeta` attrici fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet il-konferma tas-sentenza appellata.

"**L-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti.**

"Is-socjeta` attrici ressqet zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn huma, bazikament, fis-sens:

“a) illi fl-aghar ipotesi gialadarba s-socjeta` attrici giet mizmuma responsabbli fi kwota ta’ zewg terzi mid-danni reklamati mis-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha, allura hi kellha tigi kundanna ggor biss zewg terzi ta’ l-ispjjez tal-kawza.

“b) illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda interess fl-isptar Capua fejn saru x-xoghlijiet in kwistjoni u kienet is-socjeta` proprjetarja ta’ l-isptar li sofriet id-danni; konsegwentement is-socjeta` konvenuta mhux intitolata ghal ebda rizarciment.

“**Ikkunsidrat:**

“Dwar l-ewwel aggravju jidher li l-appellanti hija korretta almenu ghal dawk li huma li spejjez li jikkoncernaw il-kontro-talba. Infatti s-socjeta` konvenuta giet akkollata l-

ispejjez kollha tat-talba principali u dana billi jirrizulta li l-ammont kien dovut u dejjem rikonoxxut bhala tali.  Izda inkwantu ghall-ispejjez tal-kontro-talba l-ewwel Qorti wara li llikwidat d-danni dovuti lis-socjeta` konvenuta a tenur ta' dak li kien gie suggerit mill-espert tekniku, u dana fl-ammont ta' LM6,859.17 ekwivalenti ghal Ewro 15,977.57, ikkundannat lill-istess socjeta` attrici thallas dan l-ammont flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-kontro-talba.

"Issa jirrizulta mir-rapport tekniku li l-ammont ta' LM6,859.17 [Ewro15,977.57] kien jirraprezenta zewg terzi mid-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta billi terz mid-danni li komplessivament gew likwidati fis-somma ta' LM10,288.75, u cioe` LM3,429.58, gew dikjarati bhala li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta u dan ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rapport.  Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehema, anke minhabba li ma inghatat ebda raguni mill-ewwel Qorti biex tikkonvinci din il-Qorti li ghandha tikkonferma dak li gie deciz mill-ewwel Qorti fir-rigward, li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta` attrici u terz mis-socjeta` konvenuta biex b'hekk jigi rifless dak li gie deciz dwar id-danni reklamati mis-socjeta` konvenuta. Dan ghalhekk ser jigi rifless fil-parti deciziva ta' din is-sentenza.

"**Ikkunsidrat:**

"Bit-tieni aggravju taghha s-socjeta` attrici qed issostni li l-ammont reklamat bhala danni kagunati minhabba l-perkolazzjoni ta' l-ilma fl-isptar Capua ma humiex dovuti lis-socjeta` konvenuta billi din is-socjeta` ma ghandha ebda relazzjoni jew konnessjoni ma' l-istess sptar.  Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellata u cioe` li dan l-aggravju jammonta <u>ghall-eccezzjoni gdida.</u>  L-aggravju kif propost infatti jammonta ghall-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku, eccezzjoni li ma nghatat f'ebda stadju ta' din il-kawza in prim istanza u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma kellha l-opportunita` li tiddelibera u tiddecidi dwarha. Mhux permess ghalhekk li f'dan l-istadju jittressqu eccezzjonijiet godda.  Infatti fis-sentenza moghtija fil-

kawza **Vincent Camilleri et v. Gaetano Aquilina**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2004 gie ritenut li "*in-nota ta' l-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta li stadju tal-provi jkunu maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti ta' osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali.*" Jekk eccezzjoni gdida ma gietx permessa fi stadju inoltrat tal-kawza in prim istanza, *multo magis* l-eccezzjoni li qed tigi proposta llum ma ghandhiex tigi permessa fi stadju ta' l-appell anke b'rispett lejn il-garanzija tad-doppio ezame. Jigi osservat inoltre li s-socjeta` attrici kellha kull opportunita` li tressaq eccezzjoni simili ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, u dana fi stadju opportun quddiem il-Qorti ta' prim istanza, izda dan ma ghamlitux.

"Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u konsegwentement qed jigi michud.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-istess socjeta` appellanti giet akkollata bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba u minflok tordna li dawn l-ispejjez jigu sopporatati kwantu ghal terz mis-socjeta` konvenuta u zewg terzi mis-socjeta` attrici. Ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata."

## <u>IL-BAZI LEGALI TAR-RITRATTAZZJONI MITLUQA MIS-SOCJETA` ATTRICI RITRATTANTA</u>

3. Is-socjeta` attrici ritrattanta qeghda tibbaza l-azzjoni in dizamina fuq is-subartikoli (e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li gej:-

<u>Artikolu 811</u> "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

– omissis –

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni;

– omissis –

(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozszzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

## L-AGGRAVJI TAS-SOCJETA` RITRATTANTA

4. Wara li taghmel riferenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza surreferita, is-socjeta` ritrattanta tissottometti li,
"in vista tal-enuncjazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza msemmija illi t-tieni aggravju kien jikkonsisti f'eccezzjoni gdida dwar carenza ta' nteress guridiku li seta', anzi messa, inghatat fil-kors tal-ewwel istanza jaghti lok ghar-raguni ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikoli 811(e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

Hu car, tkompli telabora, li l-Qorti tal-Appell "ghamlet apprezzament zbaljat tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-fatti kif esposti kemm fil-provi prodotti kif ukoll kif sottomess quddiemha fl-Appell". Hija ma setghet qatt "legalment u korrettement teccepixxi carenza ta' interess guridiku fil-konfront tas-socjeta` intimata allura konvenuta". Li gara kien li l-Qorti "induciet lilha nfisha fl-izball" meta hija llimitat

ruhha ghal paragrafu wiehed partikolari fejn intqal "Illi gie stabbilit li din is-socjeta` m'ghandha l-ebda nteress fl-isptar Capua gewwa tas-Sliema, fejn saru x-xoghlijiet in kwistjoni". Nuqqas ta' nteress fi proprjeta` fejn grat xi hsara, ma jimportax "nuqqas ta' nteress guridiku". Is-socjeta` ritrattanta ticcita silta mir-rikors ta' appell taghha u tissottometti finalment hekk:
"Illi minn dan kollu huwa bir-rispett sottomess li din l-Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti kif esposti lilha, kif intqal fuq, u konsegwentement applikat ukoll ligi zbaljata meta qieset l-aggravji tal-esponenti bhala eccezzjoni gdida, meta fil-fatt din kellha minflok titratta dwar l-appell a bazi tal-principju legali essenzjali dwar il-gbir tal-provi li min jallega jinkombi fuqu l-piz tal-prova."

5. Is-socjeta` konvenuta ritrattata wiegbet li ma jidhirx li l-aggravji tar-ritrattanta "jaqghu fil-parametri indikati mir-rikorrent".

Applikazzjoni hazina tal-ligi tissussisti meta ssir applikazzjoni ta' Ligi inapplikabbli jew irrilevanti ghal fatt stabbilit, sakemm ma kienx hemm punt ta' dritt. Ir-ritrattanta qeghda tipprova tqajjem eccezzjoni ohra fl-istadju maghruf bhala "in rescindente". Fuq kollox, ritrattazzjoni m'hijiex terz appell intiza biex tezamina mill-gdid il-mertu. Id-dottrina rigwardanti l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 invokat mis-socjeta` ritrattanta tghallem li, f'dan il-kaz il-Qorti ghandha tara jekk gietx applikata dispozizzjoni minflok ohra mhux jekk l-applikazzjoni li ghamlet il-Qorti kenitx gusta jew le – apprezzament bhal dan ma jidholx fi procedura ta' ritrattazzjoni. Dwar l-aggravju bbazat fuq l-Artikolu 811 (l), ma gie stabbilt ebda "zball" li jidher mid-dokumenti jew l-atti tal-kawza. Ritrattazzjoni ma tippermettix "illi jerga' jinfetah u jigi ridiskuss il-mertu, izda hemm rimedji eccezzjonali, straordinarji fejn sentenza tkun vizjata".

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Essenzjalment dak li jemergi mill-aggravji surreferiti tas-socjeta` ritrattanti huwa li hija ma tikkondividix dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza impunjata, in kwantu din hija relatata mal-kontrotalba maghmula mis-

socjeta` konvenuta appellata (illum ritrattata) jigifieri fejn qalet li wiehed mill-aggravji tal-appellanti kien fir-realta` jammonta ghal eccezzjoni gdida ta’ karenza ta’ interess guridiku li ma nghatatx quddiem l-ewwel istanza u allura dik il-Qorti ma kenitx sejra tippermetti haga simili. Ghalhekk ukoll cahdet l-appell tas-socjeta` appellanti (illum ritrattanta). Is-socjeta` ritrattanta tikkunsidra invece li tali “enuncjazzjoni” tal-Qorti tal-Appell kienet tammonta ghal “apprezzament zbaljat tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-fatti kif esposti kemm fil-provi prodotti kif ukoll kif sottomessi quddiemha fl-appell”.

7. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet li sarulha kemm min-naha u kemm minn ohra, hija tal-fehma li dak li qieghed jigi sottomess mis-socjeta` ritrattanta ma jinkwadrax ruhu f’dak li jinghad fl-Artikolu 811, subartikolu (e). Taqbel jew ma taqbilx ma’ dak illi gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza attakkata, <u>ma hemm xejn</u> li jista’ jammonta ghal “applikazzjoni zbaljata tal-ligi”. Jidher altru milli evidenti li hawn si tratta ta’ <u>interpretazzjoni</u> da parti tal-Qorti tal-Appell b’riferenza ghal dak illi kien gie sottomess quddiemha fir-rikors ta’ appell min-naha tas-socjeta` appellanti (illum ir-ritrattanta). Is-socjeta` ritrattanta ghandha kull dritt li tibqa’ ma taqbilx ma’ l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell imma fl-istess waqt m’ghandhiex ukoll id-dritt li titlob li jsir appell minn appell. Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u ghalhekk huwa ta’ applikazzjoni u interpretazzjoni ristrettiva (ara **Julian Sammut noe et. v. Mary sive Marlene Mizzi et**, Qorti tal-Appell, 30 ta’ Gunju 2003). Konsegwentement, isegwi li ma jistax jigi permess lill-ebda wahda mill-partijiet li, taht il-pretest mitlub tar-ritrattazzjoni, terga’ tiftah il-kawza u b’hekk indirettament tipprova tikkrea ghaliha tribunal tat-tielet istanza (ara wkoll is-sentenza **A.I.C. Joseph Barbara v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**, Qorti tal-Appell, 17 ta’ Frar 2003).

8. Anke jekk mela, ghall-grazzja tal-argument, kellu jirrizulta li l-Qorti tal-Appell “ghamlet apprezzament zbaljat” dwar dak li gie sottomess quddiemha, u hija tat l-

interpretazzjoni taghha fuq l-istess sottomissjonijiet, dan xorta wahda ma jaghtix lok ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Dan ghaliex, kif tajjeb gie ribadit fis-sentenza recensjuri fil-kawza fl-ismijiet: **Michael Cutajar v. Roberta Muscat** deciza fit-12 ta' Mejju 2003 (Appell Civili, Sede Inferjuri):
"Effettivament 'l-ipotezi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggett ghall-interpretazzjoni, razjocinji jew argumenti' (**George Xuereb v. Dorothy Xuereb**, Appell Civili, 20 ta' Jannar 1992.

"Gie affermat in linea ta' principju, bosta drabi ribadit, illi jista' jkun hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz 'jekk il-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat u gie ritenut li kien in fatti ghalhekk li l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 meta jispecifika x'ghandu jkun fih l-att promotur ta' ritrattazzjoni jghid espressament, li meta r-raguni ta' ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata (**Vincenzo Borg v. Giuseppe Giordimaina**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Jannar 1996)."

9. Kulma jirrizulta li sar fil-kaz in ezami min-naha tas-socjeta` ritrattanta hija kritika lejn il-Qorti tal-Appell ghall-mod ta' kif hija interpretat is-sottomissjonijiet taghha fil-kors tal-appell interpost quddiemha. Izda, kif intqal supra, huwa ormai pacifiku illi biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi wiehed ma jistax jezamina mill-gdid il-fatti tal-kawza jew jerga' jinterpretahom (vide **Fco. S. Borg v. P. Bugeja et.**, Qorti tal-Appell, 7 ta' Ottubru 1996; **J. E. Grech v. J. Bowman noe**, Qorti tal-Appell, 7 ta' Ottubru 1997; u **Joseph Tabone noe v. J.Mousu` pro et noe.**, Qorti tal-Appell, 12 ta' Dicembru, 2001, fost bosta decizjonijiet ohra simili).

10. Fl-ahharnett tajjeb li jinghad ukoll li anke kieku stess il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin, dan lanqas m'hu bizzejjed biex jeradika d-dritt ghar-ritrattazzjoni taht il-Kap. 811(e) kif mitlub mir-ritrattanta.

**L-AGGRAVJU AI TERMINI TAS-SUBINCIZ (l) TAL-ARTIKOLU 811 (KAP. 12)**

11. Id-dritt koncess mil-ligi taghna bhala motiv ghal smigh mill-gdid taht dan is-subinciz huwa dak fejn jirrizulta illi s-sentenza "kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza" (ara decizjoni fl-ismijiet **M. Cutajar v. R. Muscat**, Appell Inferjuri, 12 ta' Mejju 2003). Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm zball fil-kaz ta' decizjoni bazata fuq suppozizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjonijiet li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament basta li f'kaz ta' wiehed u l-iehor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat u li jkun gie deciz bis-sentenza. Is-socjeta` ritrattanta qeghda ssostni illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha kkommettiet zball meta evalwat il-fatti emergenti mill-provi akkwiziti u li in segwitu hija giet indotta biex tivvaluta l-istess provi skorrettement. Issa diga` ntqal *supra* li dak li ghamlet dik il-Qorti, kif dakinhar komposta, kien li qieset li wiehed mill-aggravji tal-appellanti bhala li si trattava tat-tqanqil ta' kwistjoni "gdida", fis-sens li din ma kenitx giet dibattuta fl-ewwel istanza. Dehrilha inoltre li dan il-punt kien jammonta ghall-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku u, kwindi, l-appellanti kien messha ssollevat l-istess punt per via ta' eccezzjoni *ad hoc*, haga li ma rrizultatx mill-atti tal-process. Issa, taqbel jew ma taqbilx ma' enuncjazzjoni bhal din, xorta wahda tibqa' kwistjoni ta' interpretazzjoni, u allura proceduralment la huwa konsentit u lanqas lecitu li ssir ritrattazzjoni a bazi ta' dan l-aggravju.

Kif gie osservat f'diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati (hekk ara **A. Gauci v. P.L. Constantino Fenech**, Appell Civili 17 ta' Novembru 1920; **M. C. Vella v. Fed. Galea noe**, Appell Civili 20 ta' Novembru 1998),
"Si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parte e deciso nella sentenza, poiche` se le parti avessero trattato di quel punto di fatto come di mezzo ad argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse menzione del punto controverso ed avesse accolto o rigettato quel mezzo ad argomento non si potrebbe piu` ritenere che il fatto fosse passato immune

da controversia ne che lo stesso non sia stato avvertito dal giudice."

12. Ghal fini ta' precizazzjoni tal-punt ta' dritt f'dan il-kuntest gie rilevat inoltre illi,
"non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l'errore che si manifesta, o si crede esistere nei criteri e nei caratteri coi quali e` stato appreso dal giudicante, poiche` l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindicabile convincimento del giudice" (**Gpe. L. Bonnici v. Dott. C. Galea Naudi**, Appell Civili, 3 ta' April, 1922).

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrespingi t-talba tas-socjeta` ritrattanta ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi taht il-Kapi minnha avanzati, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta` ritrattanta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------